**18 ta' Lulju, 1990**

***Imħallfin:-***

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., Ll.D., F.S.A., F.R. Hist. S. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic., Can.,LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., *LL.D.***

Angelo Vella

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Żmien Raġonevoli – Leġittimità tal-Persuna – Eċċezzjoni – Deċiżjoni ta' Nuqqas ta' – Sentenza – Nullità**

*Ir-Rikorrent ilmenta li differiment f'kawża kriminali kien irraġonevoli u li b'hekk hu u ma kienx ser jiġi ġudikat fi żmien raġonevoli. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent wara li astjeniet milli tiegħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-intimati. Fuq appell tar-rikorrent, u appell inċidentali ta' l-intimati l-Qorti Kostituzzjonali rriformat billi lliberat lill-Ministru ta' l-Intern mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna tal-Prim Ministru u tal-Kummissarju tal-Pulizija u kkonfermat fil-meritu.*

*In-nuqqas ta' deċiżjoni ta' l-eċċezzjoniji ta' l-illeġitimità tal-persuna da parti ta' l-ewwel Qorti ma kinitx timporta n-nullità tas-sentenza tagħha.*

*Sija l-Prim Ministru, bħala kap u in rappreżentanza tal-Gvern, u l-Kummissarju tal-Pulizija f'isem minn jitmexxew il-proċeduri kriminali, huma l-leġittimi kontradittiri f'kawżi fejn jiġi allegat li fil-kors ta' proċeduri kriminali jew huma d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Fil-meritu l-Qorti osservat li ma kienx hemm bid-differiment fih innifsu leżjoni tad-dritt għall-ġudizzju fi żmien raġonevoli. Iż-żmien li kien għadda ma setax fil-każ in eżami jiġi kklassifikat bħala wieħed irraġonevoli.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn l-imsemmi Angelo Vella espona bir-rispett;

Illi huwa ġie mressaq il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1988,

akkużat fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fil-21 ta' Ġunju, 1988, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu *cordless telephone, serial number* B668807, li l-importazzjoni tiegħu hija ristretta u d-dazju fuqu ma ġiex imħallas jew kawtelat bi ksur ta' l-artikolu 62(a), (b), (ċ), (f), (ġ), (h), (i), (k) tal-Kapitolu 37 u talli żamm l-istess Cordless mingħajr liċenzja mill-uffiċju tal-Prim Ministru;

Illi l-każ in kwistjoni ġie differit għall-5 ta' Settembru, u ċjoè għaxar xhur wara;

Illi l-esponenti jilmenta illi dan id-differiment hekk twil ma kien bl-ebda mod ġustifat u għalhekk ġie leż lilu d-dritt li jkollu "a fair hearing within a reasonable time" liema dritt hu sancit bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi ġie stabbilit mill-Qorti Ewropeja illi ma jfissirx li "*una volta*" l-imputat jingħata l-libertà provviżorja allura jfisser li d-dritt li jkollu "*a speedy trial*" spiċċa u għalhekk il-Qorti tixkaffa l-proċess għal żmien aktar komdu u prattiku. Fil-fatt l-istess Qorti stabbiliet li tali protezzjoni tikkawtela "*unwarranted adjournments*" u "*excessive delays*";

Illi f'dan il-każ id-dewmien ma kienx riżultat ta' xi sottomissjonijiet elaborati tad-difiża jew minħabba xi diffikultajiet tal-prosekuzzjoni li tivverifika xi provi jew biex tintraċċja xi xhieda, iżda sar biss għall-konvenjenza;

Illi l-konvenjenza preċitata u l-Kostituzzjoni ma jistabbilixxux terminu għal "*fair hearing*" però dejjem ġie

stabbilit li d-dewmien irid ikun relatat għall-każ in kwistjoni u fil-każ in eżami żgur li mhux ġustifikat. Di più x'inhu dewmien żejjed jiddependi fuq varji fatturi, l-aktar importanti l-ammont u volum ta' xogħol involut fil-każ. F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda volum ta' xogħol;

Illi tali dewmien ikkrea preġudizzju lir-rikorrent u fost affarijiet oħra kkrea stat ta' ansjetà u tensjoni. Fil-fatt ir-rikorrent beda jaħseb li l-każ kien waqa' u f'daqqa waħda reġa' ġie nfaċċjat bih;

Talab għalhekk ir-rikorrent lil dik il-Qorti:

Jogħġobha tannulla l-proċess li qed isir kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarji għall-Gżira ta' Malta u tagħti dawk id-direttivi ordnijiet ulterjuri biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet ta' l-esponent li qed jiġi lilu lez;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

1. Preliminarjament, l-esponenti m'humiex il-leġittimi kontradittturi biex jirrispondu għall-ilmenti u allegazzjonijiet avvanzati mir-rikorrent u konsegwentement l-esponenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess dik l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha peress li kien hemm u għad hemm disponibbli favur ir-rikorrent mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat minnu u dan a tenur tal-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) ta' l-Att XIV ta' l-1987

(ara fost oħrajn Dr. Borg Grech nomine vs Spettur J. Suda : 21 ta' Marzu, 1980 Prim'Awla). Biżżejjed jingħad li r-rikorrent seta' faċilment jitlob lill-Qorti kompetenti tappunta l-każ għal data viċina wara li jressaq raġunijiet validi u sostenibbli fil-liġi. Minflok għażel li jibqa' jħares u ma jagħmel xejn u jħalli ż-żmien għaddej biex imbagħad jilmenta mid-dewmien u konvenjentement jippretendi b'mod mill-akbar ażżardat li l-Qorti "tannulla l-proċess" ħaġa li bir-rispett kollu dik l-Onorabbli Qorti ma tistax tagħmel dan;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess in vista tal-fatt li t-talba tar-rikorrent hija minnha nnifisha waħda konsegwenzjali għal xi talba oħra mentri ma hemm ebda tali talba oħra jsegwi neċessarjament li t-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-meritu jingħad li kwantu għall-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt sancit bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ma seta' kien hemm ebda tali ksur peress illi dak li sar fil-proċeduri kriminali sar skond il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u skond l-awtorità ta' l-istess liġi previst fl-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni. Inoltre ma seta' kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 39 (2) imsemmi peress li dak l-artikolu si tratta ta' "qorti ......mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili......" li ċertament ma hux il-każ tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati;

5. Kwantu għall-allegat ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem" jingħad fil-meritu illi l-esponenti ma kisru ebda dritt sancit b'dak l-artikolu.

Inoltre ma jistax jittieħed qies ta' "differiment" wieħed iżolatament mill-kumplament tal-proċeduri ġudizzjarji peress illi kif ġie ritenut anki mill-Kummissjoni Ewropeja, dak li jrid jiġi determinat huwa ***"whether the reasonable time requirement laid down in article 6(1) of the Convention was observed with regard to the proceedings as a whole"*** (Dec. Adm. Comm. App. 4459/70, 3 ta' April, 1971, sottolinear ta' l-esponenti) u huwa irriżorju li xi ħadd jippretendi li dan isir wara "differiment" uniku. Ma hux ta' xejn li meta din il-pseudo kwistjoni ġiet sollevata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fil-5 ta' Settembru, 1989, l-istess Qorti ddikjarat it-tqanqil ta' dik il-kwistjoni bħala frivola u vessatorja u għaddiet biex tisma' l-provi kollha tal-prosekuzzjoni;

6. In kwantu għar-relevanza tal-fatt li l-imputat ingħata l-libertà provvizorja fl-ewwel jum li tressaq il-Qorti u baqa' u għadu bil-libertà provviżorja sallum toħroġ mill-fatt li, kif ukoll ġie ritenut mill-Kummissjoni Ewropeja, *"the reasonable nature of the period concerned should be assessed in a less restrictive manner when the length of proceedings under article 6(1) and not the period of detention on remand, under article 5 (3) of the Convention is being considered"*. (Ap. Comm. 1 ta' Ottubru, 1968, Koplinger Case, Ara wkoll Ap. Com.12 ta' Lulju, 1977, Haase Case);

7. Salvi sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1989, li biha ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bl-ispejjez proċedurali kontra tiegħu u dana wara li kkunsidrat illi;

L-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet tar-rikorrenti huma tnejn u ċjoè l-Art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-artikolu rigwardanti l-Kostituzzjoni - ċitat mir-rikorrent nnifsu fir-rikors promotur - is-subartikolu (2) jitkellem fuq "drittijiet jew obbligi ċivili" u mhux invece dawk kriminali kif inhuma l-proċeduri mittieħda kontra r-rikorrenti fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta in konnessjoni ma' allegat ksur ta' disposizzjoni formanti parti mill-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Presumibbilment ir-rikorrent ried jinvoka s-subartikolu (1) li għandu x'jaqsam ma' akkużi ta' natura kriminali. L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ċjoè l-Att IV ta' l-1987 għall-fini tagħna jistipula dan

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.....;

Fit-tieni każ, mela, il-proċeduri meħudin kontra r-rikorrent huma kontemplati. In verità fiż-żewġ artikoli ċitati mir-rikorrenti l-ilment tiegħu huwa wieħed i.e. dak illi s-smigħ ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu ma sarx fi żmien raġonevoli;

Illi bħala fatt jidher paċifiku li wara li r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Novembru, 1988, il-kawża ġiet imħollija għas-smigħ għall-5 ta' Settembru, 1989. Għal kull buon fini jingħad li matul dan il-perijodu kollu r-rikorrenti akkużat kien igawdi mil-libertà provviżorja. Jidher ukoll paċifiku - ħarġet biss waqt it-tratazzjoni orali - li l-Qorti tal-maġistrati qieset l-allegazzjonijiet odjerni tar-rikorrenti bħala

frivoli u vessatorji u li fid-data tal-5 ta' Settembru, 1989, kif kienet differita oriġinarjament il-kawża kriminali - il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi tagħha u kien hemm li għall-ewwel darba li r-rikorrent qajjem il-punti mqanqla f'dan ir-rikors in diżamina;

Illi min-naħa l-oħra, l-intimati - fit-tieni parti tar-risposta tagħhom invitaw lil din il-Qorti - u dan dejjem bla preġudizzju tagħhom li għall-fini ta' prattiċità din il-Qorti ser tħalli għal stadju ulterjuri - biex dina teżerċita l-jedd li għandha taħt l-Art. 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dan billi "ir-rikorrent - skond l-intimat - setà faċilment jitlob lill-Qorti kompetenti tappunta l-kaz għal data viċina wara li jressaq raġunijiet validi u sostenibbli". Mhux hekk biss imma l-intimati komplew oltre u sostnew illi;

"Minflok għażel (ir-rikorrent) li jibqa' jħares u ma jagħmel xejn u jħalli ż-żmien għaddej.....eċċ";

Wara li qieset il-fattispecie kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li għandha tiddeklina milli tieħu pjena konjizzjoni tal-kawża odjerna. Ma jidhrilhiex li l-intimati kienu għal kollox korretti meta donnhom riedu jixħtu l-oneru ta' kif u meta għandhom jiġu kondotti l-proċeduri kriminali fuq ir-rikorrenti. Di fatti wieħed mill-aktar deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti Ewropeja dwar il-punt sollevat jiġifieri *Case of Union Alimentaria Sanders S.A.* mogħti propju fis-7 ta' Lulju, 1989 (Kaz Numru 16/1988/160 216) intqal li l-Qrati għandhom dejjem jaqdu d-dmirijiet tagħhom skond dak li jitlob l-Art. 6 (1) dwar "żmien raġonevoli";

Imbagħad kompliet hekk:-

*"Like the Commission, the Court considers that the person concerned is required only to show diligence in carrying out the procedural steps relating to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening the proceedings. He is under no duty to take action which is not apt for that purpose (see the Guincho judgement of the 10th July, 1984, Seies A, no. 81 p.15 & 34)"*;

Fil-fehma tal-Qorti differiment wieħed ta' għaxar xhur 'il bogħod huwa wieħed twil però mhux wieħed neċessarjament irraġjonevoli. Lanqas jidher li kien hemm differimenti għall-ebda raġuni. Una volta illi r-rikorrenti ħassu li dan jiġi affettat minn "stat ta' ansjetà u tensjoni" kif sostna fis-seba' paragrafu tar-rikors promotur,**lanqas** li seta' jagħmel kien li jitlob rikjam tal-kaz tiegħu. Fejn jippekka serjament, l-andament tar-rikorrenti huwa meta, dejjem kif sostna hu, "beda jaħseb li l-kaz kien waqa' u f'daqqa waħda reġa' ġie nfaċċjat (sic) bih". Meta akkuża tkun għadha 'l hinn mill-preskrizzjoni jew estinzjoni tagħha, kif jidher f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma messu **qatt** ippresuma li l-kaz tiegħu spiċċa fix-xejn;

Illi li kieku r-rikorrent wera li talab f'xi stadju tal-perkors ta' għaxar xhur li huwa talab għall-akkorċiment taż-żmien u t-talba tiegħu ġiet injorata, allura l-kaz tiegħu seta' kien differenti;

Illi barra minn dan, hemm aspett ieħor li l-Qorti sabet inkwetanti mill-bidunett, i.e. ir-rimedju li qed jitlob ir-rikorrent mill-Qorti, dak li jiġifieri li "tannulla l-proċess li qed isir kontrih". Fil-fehma tal-Qorti, ir-rimedju li kien opportun għall-ilment in kwistjoni kien sempliċiment dak li **mingħajr aktar dewmien**

il-każ tiegħu jiġi konkjuż u deċiż. Huwa hawn allura fejn l-intimati għandhom raġun in parti meta jgħidu li dato dak li al-lega r-rikorrent kien minnu, kien allura messu fil-kliem tal-Qorti Ewropeja pprevalixxa ruħu mill-mezzi mogħtija mil-liġi domestika (mezzi li jeżistu) biex jitqassru l-proċeduri. Dan il-lum ir-rikorrent ma jistax jagħmlu billi fil-mument li issa jin-sabu l-proċeduri kriminali, jidher li l-prosekuzzjoni temmet il-parti tagħha u kien jispetta lilu li jressaq id-difiża tiegħu. Bil-pass li inveċe addotta r-rikorrenti u bir-rimedju drastiku u *inaċċettabbli minnu mitlub jidher li issa r-rikorrenti waqa' fid-* "delaying tactics" li semmiet ukoll l-istess Qorti Ewropeja;

Illi fir-rigward ta' l-eċċezzjoni preliminari, una volta li ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrent huwa fondat la fil-fatt u lanqas fid-dritt, ma jidhirx li hu il-kaz li l-Qorti għandha toqgħod tid-delibera wkoll dwaru;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Angelo Vella preżentat fis-6 ta' Novembru, 1989 li bih talab li din il-Qorti, fil-kaz li hi tilqa' l-aggravju tiegħu, tiddikjara s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Ottubru, 1989 nulla u bla effett fil-liġi u għalhekk tibgħat il-proċess qud-diem l-ewwel qorti biex tiġi trattata u deċiża mill-ġdid u fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju fuq imsemmi tirre-voka s-sentenza appellata billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti, bl-*ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati*;

Rat ir-risposta ta' l-appellati preżentata fl-10 ta' Novembru, 1989, li biha fil-meritu ssottomettew li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti jimmeritaha konferma u l-appell għandu jiġi miċħud

bħala infondat fil-fatt u fid-dritt u li biha, għar-rigward ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant fis-sens illi l-ewwel Qorti naqset milli tiegħu konjizzjoni u tiddeċidi dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom, u ċjoè li huma ma kinux il-leġittimi kontradittturi biex jirrispondu għall-ilmenti u allegazzjonijiet ta' l-appellant, iddikjaraw li qed jagħmlu appell inċidentali limitatament għall-imsemmi aggravju u talbu, limitatament għal dan l-aggravju li din il-Qorti tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 1989 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fir-rikors fl-ismijiet premessi fejn ġie deċiż illi fir-rigward ta' l-eċċezzjoni preliminari ma kienx il-kaz li l-Qorti kellha toqgħod tiddelibera wkoll dwaru, u tiddeċiedi minflok billi tilqa' dik l-istess eċċezzjoni kif avanzata fir-risposta oriġinali tagħhom, u kif elaborata u sostanzjata hemmhekk, kontrarjament għal dak li, erroneament u mingħajr ebda bażi legali, qed jitlob ir-rikorrent appellant, u ċjoè li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u in konsegwenza tibgħat il-proċess quddiem l-ewwel Qorti biex tiġi trattata u deċiża mill-ġdid, ġaladarba u stante li l-istess l-ewwel Qorti ġa pronunċjat ruħha fil-meritu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet preliminari fuq imsemmija ta' l-intimati li una volta li ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrent huwa fondat, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, ma jidhirx li hu l-kaz li l-Qorti għandha

toqgħod tiddelibera wkoll dwaru;

Sija r-rikorrent kif ukoll l-intimat qegħdin jappellaw minn din il-parti tas-sentenza. Min-naħa l-waħda r-rikorrent qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti jmissha ddeċidiet qabel xejn jekk l-intimati kinux jew le leġittimi kontraditturi u huwa jistaqsi lil-konfront ta' min ġiet deċiża l-kawża. Dan skond hu jwassal għan-nullità tas-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra l-intimati fl-appell inċidentali tagħhom qegħdin jitolbu li l-Qorti tirrevoka l-parti tas-sentenza fuq ċitata u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom li huma mhumiex leġittimi kontraditturi;

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-imsemmija sottomissjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward billi tirritjeni li ma hemm ebda nullità. L-ewwel Qorti ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari. Setà jsir appell kontra din id-deċiżjoni ta' astensjoni kif fil-fatt qiegħed isir mill-intimati iżda ma hemm l-ebda nuqqas li jwassal għan-nullità. Kien ikun hemm nuqqas li kieku l-ewwel Qorti ma qalet xejn dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari iżda dan mhux il-każ;

Kwantu għall-imsemmi appell inċidentali ta' l-intimati fuq dan il-punt, il-Qorti m'għandhiex tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tagħmel riferenza għall-insenjament tagħha reċenti. L-intimat l-Onorevoli Prim Ministru, f'kawża ta' natura kostituzzjonali fejn qed jiġi allegat ksur ta' dritt fondamentali, bħal ma hi dik preżenti, huwa leġittimu kontradittur (Simon Brincat vs. Onorevoli Prim Ministru, 30 ta' Mejju, 1990). L-intimat Kummissarju tal-Pulizija huwa wkoll leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Huwa kien il-leġittimu kontradittur fil-kawża kriminali li dwarha qiegħed isir l-ilment ta' dewmien fil-kawża preżenti u jsegwi

għalhekk li huwa wkoll leġittimu kontradittur f'din il-kawża (Ara fl-istess sens Onorevoli Lawrence sive Lorry Sant vs. Kummissarju tal-Pulizija, Rikors 275/89FD, 2 ta' April, 1990);

Kwantu mbagħad fejn jirrigwarda l-intimat l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-Intern, kif ġie osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Michele Peresso proprio et nomine vs. Onor. Domionic Mintoff A. & C.E. noe et, 7 ta' Ġunju, 1957, il-Ministru huwa kompriż fil-kategorija ta' pubbliċi amministraturi u bħala tali għandu jiġi ritenut persuna leġittima biex joqgħod f'kawża li tinteressa dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru tiegħu. Fil-kaz preżenti ċertament ma jistax jingħad li l-kawża tirrigwarda dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru ta' l-imsemmi intimat. Il-kawża tirrigwarda allegat dewmien ta' Qorti stante differiment fit-tul, ċjoè allegat dewmien ta' l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat mentri l-intimat jifforma parti mill-awtorità esekuttiva ta' l-istat. (Ara fl-istess sens Lucien Stafrace noe vs. Agent Reġistratur tal-Qrati et, 9 ta' Novembru, 1988);

Għalhekk l-imsemmi appell inċidentali għandu jiġi miċħud inkwantu l-eċċezzjoni tirrigwardu l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija iżda għandu jiġi milqugħ inkwantu tirrigwarda t-tielet intimat;

Ikkunsidrat:

Fil-meritu r-rikorrent appellant qiegħed jissottmetti li l-ewwel Qorti jmissha waslet għall-konkluzzjoni opposta għal dik li waslet għaliha. L-ewwel Qorti waslet biex tiċħad it-talba tiegħu għax dehrilha li kien imissu talab ir-rikjam tal-każ tiegħu. Ir-

rikorrent jissottometti wkoll li jekk l-ewwel Qorti dehrilha li kienet inkwentati t-talba tiegħu biex il-proċess kriminali jiġi annullat, setgħet dejjem, f'każ ta' eżitu favorevoli, tiddikjara li d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kien ġie lez. Di più, dejjem skond ir-rikorrent appellant, kien ġie ppreġudikat bid-dewmien billi x-xhieda ma jiftakrux il-fatti bħal qabel u x-xhud primarju tiegħu aktarx li siefer;

Il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa dawn is-sottomissjonijiet kif ukoll dawk magħmula mill-kontroparti iżda ma tarax li tista' taċċetta dak li qiegħed jissottometta r-rikorrent appellant. Minn eżami tal-proċess jidher li r-rikors promotorju tal-ġudizzju ġie ppreżentat fil-11 ta' Settembru, 1989, mentri d-data li għaliha kienet ġiet differita l-kawża kriminali fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 1988 kienet għall-5 ta' Settembru, 1989. Dan ifisser li proċeduri preżenti ġew inizjati wara l-perkors tal-perijodu ta' għaxar xhur li dwaru qiegħed illum jilmenta r-rikorrent. Il-Qorti ma tistax ma tosservaw li dan juri li r-rikorrent ma sab ebda oġġezzjoni u ma ħassx li qed isofri ebda preġudizzju minħabba differiment għal żmien irraġonevoli bid-differiment li ngħatalu għall-5 ta' Settembru, 1989, u l-Qorti għalhekk issibha diffiċli biex taċċetta li kien hemm xi ksur ta' xi dritt fundamentali. Il-Qorti kienet tistenna li r-rikorrent joġġezzjona għad-differiment in kwistjoni kieku ħassu irraġonevoli billi jagħmel rikors jew jieħu passi oħra iżda minflok ħalla l-perijodu kollu jgħaddi mingħajr ma jagħmel xejn. L-allegazzjoni magħmula fir-rikors ta' l-appell li hu ġie ppreġudikat bid-differiment billi x-xhieda ma jiftakrux il-fatti bħal qabel u li x-xhud primarju tiegħu "aktarx" li siefer ma ġiet bl-ebda mod sostanzjata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi (1) kwantu għall-appell inċidentali ta' l-intimati tilqa' l-istess inkwantu l-eċċezzjoni preliminari tagħhom tirrigwarda l-Onorevoli Viċi Prim Ministru responsabbli għall-Intern billi tiddikjara li ma hux leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiċħad l-istess appell inċidentali inkwantu l-eċċezzjoni preliminari tirrigwarda l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija billi tiddikjara li huma leġittimi kontradittur f'din il-kawża u (2) kwantu għall-appell prinċipali tar-rikorrent tiċħad it-talba tiegħu preliminari li s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla u bla effett kif ukoll tiċħad it-talba għar-revoka ta' l-istess sentenza fil-meritu; u għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront biss ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tagħhom, u b'dan il-mod tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjeż relattivi għall-eċċezzjoni preliminari, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi mill-intimati u kwantu għal terz mir-rikorrent. L-ispejjeż l-oħra kollha (sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza) għandhom jiġu sopportati unikament mir-rikorrent appellant.